MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008

Numru. 1012/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Mario Haber**

**vs**

**Johann Scerri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Johann Scerri ta’ 29 sena, ta’ nazzjonalita’ Maltija, iben Ronnie u Barbara nee’ Micallef, imwieled Attard, Malta fl-14 ta’ Gunju 1978, residenti Flat 5, Heston Court, Triq l-Imhar, Qawra u detentur tal-karta tal-identita’ numru 369878 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fl-10 ta' Awissu 2004 u fil-jiem ta' qabel f' dawn il-Gzejjer u cioe gewwa l-fond immarkat bhala Central Perk Caffe, gewwa Triq il-Maskli, il-Qawra, Malta, impjega jew ta xoghol lil persuna li ma kinitx persuna ezenti u li ma kelliex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap . 217 tal-Ligijiet ta' Malta,

Fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuna li impjegat persuni ohra, whole-time, part-time jew xort' ohra b' kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b' dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3 a u 10).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Novembru 2004 (esebit *a folio* 11 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2005 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2008 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio* 4 tal-process), l-fatt li

huwa ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fatt li huwa ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 3a u 10 tal-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif minnu ammessi tikkundannah multa ta’ elf, mija u erbgha u sittin ewro (€ 1,164) u li b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandha tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) fix-xahar b’dan illi l-ewwel pagament ikun dovut fil-31 ta’ Lulju 2008. Fin-nuqqas li l-imputat ma jhallasx pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Ewro u hamsa u sittin centezmu (11.65 €) dovuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------